QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 739/96DM

Korporazzjoni TeleMalta u b'nota tas-16 ta' Jannar 1998 is-socjeta Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tal-kreditu

vs

Thomas Baldacchino u b'digriet tat-8 ta' April 1997 Carmen Baldacchino giet kjamata in kawza

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' Lm102.50,0 (mija u zewg liri maltin u hamsin centezmu) rappresentanti ammont dovut ghall-kera u servizz in konnessjoni man-numru tat-telefon 660206 stallat fil-fond Flat 4 Binja Indipendenza San Klement, Zejtun fuq imsemmi u dana skond l-anness statement (Dokument A)

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-12 t'Ottubru, 1995 u t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta Novembru 1996 fejn il-konvenut ikkontesta it-talba attrici bid-deposizzjoni tieghu in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Carmen Baldacchino fejn eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti ma hix responsabbli ghad-dejn in kwistjoni, billi dan gie kontrattat minn zewgha meta hi kienet gia' separata 'de facto' minn zewgha l-konvenut, li kecciha mid-dar fl-1991, u l-eccipjenti ilha nieqsa mill-fond fejn gie stallat is-servizz tat-telefon in kwistjoni sa minn qabel dan is-servizz gie stallat (ara Dokument A). Inoltre, l-eccipjenti fit-22 ta' Ottubru 1991, istitwiet proceduri ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond 'Awla. Il-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghadhom ghaddejjin (pendenti r-rapport peritali (legali) ghal aktar minn sentejn) u qed jistennew li jigu konkluzi.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni kontenuta fid-deposizzjoni tal-konvenut kienet saret qabel ma saret il-korrezzjoni fl-avviz akkordata bid-degriet tas-27 ta Gunju 1997, u ghalhekk kienet diretta biss ghall xi uzu minn servizz telefoniku li setgha kien moghti lill-konvenut fil-fond "Baldacchino House", Triq is-Siggiewi, Zebbug.

Mill-provi tal-atturi jirrizulta ampjament, senjatament mid-dokumenti esibiti, illi t-talba attrici tirreferi eskluzivament ghal servizz telefoniku pprovdut fil-fond Flat 4 Binja Indipendenza San Klement, Zejtun, indikat fl-avviz, u ghall-kjamati li saru minn hemm.

Il-ftehim ghat-trasferiment ta l-imsemmi servizz ghall-fond indikat fl-avviz, bil-firma tal-konvenut jipprova konklussivament li l-konvenut huwa risponsabbli ghall-hlas tal-kera ghal dan is-servizz u ghall-kjamati li saru.

Evidentement fil-kors normali ta zwieg, dan id-debitu kien ikun a kariku taz-zewg konjugi u kien ikun meqjus bhala debitu tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Izda fil-kaz in ezami jirrizulta li l-kjamata fil-kawza, Carmen Baldacchino, mart il-konvenut, kienet digia' telqet, flimkien ma uliedha, mid-dar konjugali, jew almenu mir-residenza tal-konvenut, kienet digia'pprocediet gudizzjarajament ghas-separazzjoni personali u kienet digia' intitolata ghal manteniment meta l-konvenut kien ikkuntratta mal-atturi ghall-istallazzjoni tas-servizz u beda juza is-servizz.

Infatti mid-dokumenti esibiti mill-kjamata fil-kawza jirrizulta li l-proceduri ghas-separazzjoni personali kienu intavolat fit-22 ta Ottubru 1994 u l-Qorti ordnat lill-konvenut li jhallasha l-manteniment b'degriet tad-9 ta Marzu 1992.

Minn-naha l-ohra id-dokumenti esibiti mill-atturi jippruvaw illi l-konvenut applika ghas-servizz fl-1992, stante in-numru 1/92 tal-applikazzjoni (Dok NX2), u li beda jghamel uzu min dan is-servizz f'Marzu tal-istess sena.

Ghalhekk il-konvenut, separat 'de facto' u obbligat mill-Qorti biex jipprovdi u jassisti fil-manteniment ta marthu u ta' wliedhu, ma jistghax jippretendi li fl-istess hin jghabbi lill-marthu bl-ispejjes in konnessjoni ma servizz li pprovda eskluzivament ghall-uzu u beneficcju tieghu.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut u tikkundannah li jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta LM102.50.

Bl-ispejjes kollha ghall-konvenut.

…..............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22

1842/98DM